

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa'Awla) tad-9 ta' Frar 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Arbitral Tributário – (Centro de Arbitragem Administrativa) – il-Portugall) – Euro Tyre BV vs Autoridade Tributária e Aduaneira**

(Kawża C-21/16) <sup>(1)</sup>

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — VAT — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 131 u 138 — Kundizzjonijiet għall-eżenzjoni ta' kunsinna intra-Komunitarja — Sistema ta' skambju ta' informazzjoni fil-qasam tal-VAT (VIES) — Assenza ta' iskrizzjoni tax-xerrej — Rifjut tal-benefiċċju tal-eżenzjoni — Ammissibilità)**

(2017/C 104/30)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Euro Tyre BV

Konvenuta: Autoridade Tributária e Aduaneira

**Dispożittiv**

L-Artikolu 131 u l-Artikolu 138(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu lil amministrazzjoni fiskali ta' Stat Membru milli tirrifjuta li teżenta mit-taxxa fuq il-valur miżjud kunsinna intra-Komunitarja biss minħabba li, meta sseħħ din il-kunsinna, ix-xerrej, residenti fit-territorju tal-Istat Membru ta' destinazzjoni u detentur ta' numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud validu għal tranżazzjonijiet f'dan l-Istat, la jkun iskrutt fis-sistema ta' skambju ta' informazzjoni fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud u lanqas ma jkun suġġett għal sistema ta' taxxa tal-akkwisti intra-Komunitarja, dejjem sakemm ma jkun hemm ebda indizju serju li jissuġġerixxi l-eżistenza ta' frodi u sakemm ikun stabbilit li r-rekwiżiti sostantivi tal-eżenzjoni huma ssodisfatti. F'dan il-każ, l-Artikolu 138(1) ta' din id-direttiva, interpretat fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, jipprekludi wkoll tali rifjut meta l-bejjiegħ kien konxju miċ-ċirkustanzi li jikkarakterizzaw is-sitwazzjoni tax-xerrej fir-rigward tal-applikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud u kien konvint li, iktar 'il quddiem, ix-xerrej ser ikun irreġistrat bħala operatur intra-Komunitarju b'effett retroattiv.

<sup>(1)</sup> ĠU C 118, 4.4.2016

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-1 ta' Frar 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Judicial da Comarca de Setúbal – il-Portugall) – Município de Palmela vs Autoridade de Segurança Alimentar e Económica (ASAE) – Divisão de Gestão de Contraordenações**

(Kawża C-144/16) <sup>(1)</sup>

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Proċeduri ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni — Direttivi 83/189/KEE u 98/34/KE — Abbozz ta' regolament tekniku — Komunikazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea — Obligi tal-Istati Membri — Ksur — Konsegwenzi)**

(2017/C 104/31)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Judicial da Comarca de Setúbal